

**Emenda 2****Mylène Troszczynski**

f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Vilija Blinkevičiūtė**f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
dwar Tolleranza żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF)**B8-0068/2018****Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Premessa K***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

K. billi l-mutilazzjoni ġenitali femminili *ta' spiss* hi *assoċjata ma' kwistjonijiet oħra ta' inugwaljanza bejn is-sessi u tidher biss bħala wieħed mill-bosta każijiet ta' ksur kontra d-drittijiet tan-nisa bħalma huma: in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni għall-bniet, inkluża l-edukazzjoni sesswali komprensiva; in-nuqqas ta' xogħol jew ta' impjieg għan-nisa; l-inabbiltà li jkunu sidien ta' proprjetà jew li jirtu proprjetà; iż-żwieġ tat-tfal bikri jew furzat; il-vjolenza fiżika u sesswali; u n-nuqqas ta' kura tas-saħħa ta' kwalità, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u servizzi dwar id-drittijiet;*

*Emenda*

K. billi l-mutilazzjoni ġenitali femminili hi ksur *tad-drittijiet* tan-nisa *tal-istess gravità* ta' *żwieġ* tat-tfal bikri jew furzat u *tal-vjolenza* fiżika u sesswali;

Or. en

5.2.2018

B8-0068/3

### **Emenda 3**

**Mylène Troszczynski**

f'isem il-Grupp ENF

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Vilija Blinkevičiūtė**

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
dwar Tolleranza żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF)

**B8-0068/2018**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

#### **Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

13. *Jitlob l-ogħla standards ta' protezzjoni għal dawk li jfittxu l-asil għal raġunijiet relatati mal-mutilazzjoni ġenitali femminili fi ħdan il-qafas tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Asil kif ukoll permezz tar-rwol il-ġdid tal-Aġenzija tal-UE għall-Asil;*

13. *Jikkundanna l-fatt li l-politika ta' asil qed toffri akkoljenza sistematika fuq il-bażi li l-mutilazzjoni ġenitali femminili għandha r-riskju li jkollha impatt negattiv fuq l-aspettattivi; jemmen li tabilħaqq, dan se jjer jinkoraġġixxi faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin biex jużaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili ħalli jiżguraw dħul aktar faċli fl-Ewropa;*

Or. en

5.2.2018

B8-0068/4

**Emenda 4**

**Mylène Troszczynski**

f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Vilija Blinkevičiūtė**

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
dwar Tolleranza żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF)

**B8-0068/2018**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***13a. Jipproponi li parti mill-baġit tal-politika tal-iżvilupp tal-UE għandha tintuża biex timplimenta politika li tippromwovi kirurġija rikostruttiva għall-vittmi f'pajjiżi l-aktar affettwati mill-mutilazzjoni ġenitali femminili, bil-kunsens tagħhom;***

Or. en

5.2.2018

B8-0068/5

**Emenda 5**

**Mylène Troszczynski**

f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B8-0068/2018**

**Vilija Blinkevičiūtė**

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
dwar Tolleranza żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

18. Jenfasizza li, minkejja l-kuntest lokali, il-mutilazzjoni ġenitali femminili għandha titqies ***fil-kuntest ta' vjolenza sessista u bħala kwistjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi*** u għandha tiġi indirizzata ***permezz ta' approċċ komprehensiv*** sabiex ***jiġu evitati t-tkasbir tal-komunitajiet fejn hija prattikata;***

18. Jenfasizza li, minkejja l-kuntest lokali, il-mutilazzjoni ġenitali femminili għandha titqies ***f'kuntest kulturali speċifiku*** u għandha tiġi indirizzata ***minn approċċ diplomatiku*** sabiex ***jiġi evitat li l-UE tidher bħala li qed tinterferixxi f'pajjiżi terzi;***

Or. en

5.2.2018

B8-0068/6

**Emenda 6**

**Mylène Troszczynski**

f'isem il-Grupp ENF

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**B8-0068/2018**

**Vilija Blinkevičiūtė**

f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
dwar Tolleranza żero għall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

20. Jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal u s-setgħa ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni bħalma huma l-arti, il-letteratura, il-mezzi tax-xandir ġodda u lokali biex il-messaġġi jinġiebu eqreb tan-nies; ***jenfasizza l-importanza li jiġu involuti s-subien u l-irġiel fil-ħolqien ta' narrattiva ġdida dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-istrutturi tal-poter eżistenti permezz ta' netwerks, programmi mill-pari, kampanji ta' informazzjoni u programmi ta' taħriġ;***

20. Jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal u s-setgħa ta' diversi mezzi ta' komunikazzjoni bħalma huma l-arti, il-letteratura, il-mezzi tax-xandir ġodda u lokali biex il-messaġġi jinġiebu eqreb tan-nies; ***jipproponi li tingħata attenzjoni fuq il-fatt li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess għal edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali;***

Or. en